MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 540/1998/1

**Aquila Enterprises Company Limited**

**Vs**

**Sullivan Shipping Agencies Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi nkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmel l-arrangamenti kollha mehtiega biex tingieb merkanzija, konsistenti f' "Hydromessage Equipment", minn gewwa fabbrika Germaniza H.M.F. Gmbh, ghal Malta;

Premess illi s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghal dan it-trasport tal-merkanzija in kwistjoni u cioe' biex tigbor il-merkanzija in kwistjoni u jsir it-trasport kemm fuq l-art u fuq il-bahar lejn Malta;

Premess illi l-merkanzija li kellha tasal ma gietx konsenjata kollha fid-destinazzjoni taghha u rrizulta li kien hemm ghoxrin (20) "Hydromessage Equipment" nieqsa mill-ammont li suppost wasal u dan konsistenti f'pallet nieqes;

Premess illi l-fabbrika Germaniza minn fejn tghabba l-merkanzija kkonfermat li l-merkanzija kollha tghabbiet sewwa mill-imhazen taghha kif indikat mad-dokument anness mal-prezenti (Dok A);

Premess illi in effetti s-socjeta' attrici qatt ma kellha fil-pussess taghha il-*Bill of Lading* li jkopri il-merkanzija li ma waslitx kif suppost ghand is-socjeta' attrici :

Premess illi l-valur tal-merkanzija li ma gietx konsenjata jammonta ghal elf tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm1,858);

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghal merkanzija li ma twasslitx ghand is-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas l-ammont ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1,858) rapprezentanti l-valur tal-merkanzija li ma twasslitx ghand is-socjeta' attrici

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 15 ta' Novembru, 1997, u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data ta' Mejju,1997 u cioe' meta kellha tasal il-merkanzija fuq il-bastiment "Katholm", container numru TEXU 4101981.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Cluade Galea pro et nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet** tas-socjeta’ konvenuta a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ konvenuta ma kienetx responsabbli ghall-garr tal-merkanzija u dan ghax il-garr tal-merkanziija kien sar mill-kumpanija estera Calberson B.V., u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta fil-kwalita personali taghha ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-merkanzija meritu ta’ dina l-kawza qatt ma wasslet fid-depositu ta’ Calberson B.V. u ghalhekk ma setghetx tingarr Malta u, ghalhekk , ir-responsabbilta’ ghan-nuqqas tal-merkanzija hija attribwibbli unikament lis-socjeta’ minghand min is-socjeta’ attrici ordnat il-merkanzija;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-merkanzija meritu ta’ dina l-kawza ngarret abbazi tal-“FENEX Conditions” u ghalhekk, japplikaw il-limitazzjonijiet imposti fl-istess Konvenzjoni.

4. Salv eccezzjoniiet ohra.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol 35;

Rat il-verbal a fol 88;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda nota;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta l-atturi kienu ordnaw merkanzija mill-Germanja f'zewg palletts, wiehed li kien fih 20 *hydro bath equipment* u *pellet* iehor li kien fih *herbal bath oils*. Dawn kellhom jingiebu Malta mill-konvenuti, izda fil-fatt kull ma gabu l-konvenuti kien *pallet* wiehed li kien fih il-*herbal oils*, il-*pallet* l-iehor bil-*hydro bath equipment* ma waslax.

Jirrizulta mill-korrispondenza ezibita li s-socjeta' esportatrici Germanija kienet effettivament ikkonsenjat il-merkanzija kollha u dina ngabret mid-ditta tat-trasport Calbersol ta' Rotterdam li kienu gew inkarigati mis-socjeta' konvenuta ghall dana l-iskop.

Skond l-ittra/fax a fol. 22 il-konvenuti kienu kitbu lill Calberson li "haulers have stated that they actually collected 2 pallets. Therefore, we assume that the 1 pallet containing hydro messagers got lost on the way to your warehouse".

Calberson kienu qed isostnu li l-konvenuti kienu responsabbili ghall *pallet* nieqes u dawn kellhom imbaghad izommuhom responsabbili minhabba procedura ta' *insurance* (fol 23).

Inoltre skond il-manifest Dok TA 8 a fol 58 hemm imnizzel li fil-fatt kull ma tghabba kien *pallett* wiehed. Id-dokument a fol 55 jikkonferma li kull ma wasal Malta kien *pallet* wiehed bil- *bath oils*.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti, u eccezzjoni, li huma biss *groupage operator* u ma jiehdux hsieb il-garr tal-merkanzija, jirrizulta li l-atturi ma kienux qabbdu lill Calberson B.V. biex jigbru l-merkanzija imma kienu l-istess konvenuti li qabduhom u ghalhekk huma responsabbili ghan nuqqas da parti ta' Calberson, salv kull azzjoni li l-konvenuti jista' jkollhom kontra taghhom.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-garr kien soggett ghall FENEX Conditions (Dok JES4) il-Qorti tirrileva li dwar dina l-eccezzjoni ma ngabu ebda provi u l-konvenuti ma ndikawx liema huma l-limitazzjonijiet li qed jghidu li japplikaw.

L-atturi qed jitolbu l-valur tal-merkanzija ammontanti ghall Lm1,858.18 u l-*freight* imhallas ammontanti ghall Lm175.76 liema *freight* kellu jhallas allavolja nofs il-merkanzija biss waslet. Il-konvenuti qed jissottomettu li l-ammont mitlub Dok JES 7 imur oltre l-valur tal-merkanzija mitlufa u tinkludi diversi spejjez ohra li l-atturi ma ssostanzjawx b'invocies. Illi fil-fatt l-atturi qed jitolbu fic-citazzjoni s-somma ta' Lm1,858 u l-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex dina s-somma m'ghandhiex tiltlaqa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghal merkanzija li ma twasslitx ghand is-socjeta' attrici ;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas l-ammont ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltija (Lm1,858) rapprezentanti l-valur tal-merkanzija li ma twasslitx ghand is-socjeta' attrici;

Bl-imghax mill-15 ta' Novembru, 1997 u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------